**FIL-QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**L-ONOR. IMHALLEF ANTHONY VELLA**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha 25 ta' Gunju 2021**

**<u>Rikors nru: 57/2021 AGV ;</u>**

**A sive BC**
**Vs**
**Dr Leontine Calleja u PL Quentin Tanti mahtura bhala kuraturi deputati ghal imsiefer DE**

**Il-Qorti ;**

Rat ir-rikors tal-attrici datat 15 ta' Frar 2021 fejn esponiet bir-rispett ;

1. Illi l-partijiet zzewwwgu fl- 24 ta' Awwissu tas-sena 2002, kif jirrizulta mil-anness certifikat Dok. A ;
2. Illi minn daz-zwieg huma kellhom tifel, F, li twieled fil- 31 ta' Lulju 2003 ;

3. Illi l-istess partijiet sseperaw legalment minn ma' xulxin in forza ta' kuntratt pubbliku in atti in-Nutar Dr. Carmel Gafa', datat 4 ta' Lulju 2019, hawn anness, u mmarkat Dok B;
4. Illi skont l-istess att pubbliku gie espressament iddikjarat li l-partijiet ilhom separati de facto minn ma' xulxin sa mis-sena 2014.
5. Illi ma hemm ebda prospett ragenevoli ghal rikonciljazzjoni bejniethom stante li ilhom separati dan iz-zmien kollu u inoltre z-zewg partijiet ilhom zmien twil jghixu hajja indipendent minn ma' xulxin;
6. Illi l-fatti hawn fuq ismemmija huma sufficjenti sabiex jissodisfaw l-kundizzjonijiet kollha mehtiega ghall-ottjeniment tad-divorzju ai termini tal-Artikolu 66 B tal-kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ghaldaqstant, l-esponenti titlob bir-rispett lil dil-Onorabbli Qorti sabiex ghal raguni premessa ;

1. Tippronuznja l-hall taz-zwieg tal-partiijet.

2. Tordna lir-Registratur tal-Qorti sabiex fiz-zmien hekk prefiss minn din l-Onorabbli Qorti javza lid-direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet sabiex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.

**Il-Qorti rat in-nota ta' Dr Leontine Calleja u PL Quentin Tanti** fejn permezz taghha l-esponenti qed jipprzenta komunikazzjoni, li hija email li l-esponenti irnexxilhom jaghmlu mal-konvenut minnhom rapprezentanti (Dok A), wara li kienu bghatu messagg fuq in-numru tal-mobile, indikat mil-attrici (Dok B).

F’ din l-email, l-intimat mhux qed joggezjona ghal tali divorzju izda qed joggezzona ghal kull tip ta’ spejjez u ghalhekk l-ispejjez kollha, inkluz tas-sottofirmati kuraturi ghandhom jkunu a karigu tal-attrici.

**DECIDE;**

Il-Qorti, tilqa’ t-talbiet u tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet.

Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex fi zmien ghaxart ijiem javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet, biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.

Spejjez jibqghu a karigu tal-attrici.

Terminu tal-appell abbrevjat ghal gurnata.

**Onor. Anthony G. Vella**
**Imhallef**

**Cettina Gauci**
**Dep Reg**